

## **Konkors tal-Unjoni Ewropea għall-klassijiet tal-iskola ta' età minn 16-il sena 'l fuq**

### **Min aħna?**

L-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej ([www.appf.europa.eu](http://www.appf.europa.eu), minn hawn 'il quddiem l-“Awtorità”) hija entità indipendenti tal-Unjoni Ewropea inkarigata skont il-liġi li tagħmel proċeduri ta' reġistrazzjoni u verifika, tikkontrolla l-konformità u, meta neċessarju, timponi sanzjonijiet fuq il-partiti poliċi Ewropej u l-fondazzjonijiet poliċi Ewropej. L-Awtorità tikkontribwixxi wkoll għall-għarfien demokratiku fil-livell Ewropew billi tiżgura l-viżibbiltà ta' dokumentazzjoni importanti fir-rigward tal-partiti poliċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet poliċi Ewropej. Barra minn hekk, l-Awtorità tikkontribwixxi biex tiġi garantita l-integrità tal-elezzjonijiet Ewropej kontra l-użu ħażin tad-data personali. Fl-oqsma ta' attività kollha tagħha, l-Awtorità taħdem f'kooperazzjoni stretta mal-istituzzjonijiet u mal-korpi l-oħra tal-UE, b'mod partikolari mal-Parlament Ewropew, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

### **X'qegħdin noffru?**

L-Awtorità qiegħda torganizza konkors għall-klassijiet tal-iskola fl-Unjoni Ewropea.

#### *1) Eleġibbiltà*

Il-klassijiet tal-iskola magħmula minn studenti ta' età minn 16-il sena 'l fuq mill-iskejjel tal-Unjoni Ewropea kollha huma eleġibbli li jieħdu sehem. Il-konkors isir bejn klassijiet tal-iskola sħaħ<sup>1</sup> taħt il-gwida ta' mill-inqas għalliem(a) wieħed/waħda għal kull klassi tal-iskola li tiegħu sehem.

#### *2) Suġġett*

**Id-demokrazija bħala parti mid-DNA tal-UE: id-demokrazija tal-UE kif inhi marbuta mal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini? X'nistgħu nagħmlu biex id-demokrazija tal-UE ssir kemm jista' jkun ħajja u leħen iċ-ċittadini jsir kemm jista' jkun rilevanti?**

#### *3) Materjal għall-parteċipazzjoni*

- **Komponent** ippreparat mill-klassi u li jitkellem dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq (mhux itwal minn 5 paġni u 15,000 karattru, inklużi l-ispazji) b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea **U**
- **Filmat ta' preżentazzjoni** qasir (li ma jdumx aktar minn 3 minuti) tal-proposti li jkunu jinsabu fil-komponent b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, bl-involvement tal-klassi kollha kemm hi.

<sup>1</sup> Hija possibbli biss applikazzjoni waħda għal kull klassi tal-iskola.

*Nota: nirriżervaw id-dritt li ma nikkunsidrawx il-materjal ippreżentat li ma jirrispettax dawn il-kundizzjonijiet.*

## **Kif se nipproċedu?**

### *1) Prereġistrazzjoni*

- **Skadenza għall-prereġistrazzjoni:** il-15 ta' Settembru 2023 b'email lill-indirizz [application@appf.europa.eu](mailto:application@appf.europa.eu).
- Intom mitlubin tidentifikaw il-klassi li tapplika, kif ukoll isem l-iskola li tagħmel parti minnha l-klassi. Indikaw ukoll email ta' kuntatt u indirizz postali. Jista' jkun meħtieġ numru tat-telefon wieħed ta' għalliem(a) biex jippermetti, eventwalment, kuntatt loġistiku.
- Bil-għan li tirriżerva l-kapaċitajiet ta' traduzzjoni, l-Awtorità għandha tkun infurmata b'liema lingwa uffiċjali tal-Unjoni se jintbagħat il-materjal (m'hemmx bżonn, f'din il-fażi, tagħtu bil-quddiem l-informazzjoni dwar il-kontenut tal-materjal ippreżentat).

*Nota: nirriżervaw id-dritt li ma nikkunsidrawx l-applikazzjonijiet li ma jirrispettax dawn il-kundizzjonijiet.*

### *2) Preżentazzjoni*

- **Skadenza għall-preżentazzjoni:** is-6 ta' Ottubru 2023 b'email lill-indirizz [application@appf.europa.eu](mailto:application@appf.europa.eu). Il-fajls tal-komponent (f'format .docx jew .pdf) u tal-filmat jistgħu jintbagħtu mehmużin mal-email, jew permezz ta' link għal servizz ta' cloud storage li jkun jinsab fl-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>.

*Nota: il-materjal ippreżentat li ma jkunx komplut jew li jasal wara dik id-data mhuwiex se jiġi kkunsidrat.*

### *3) Proċess tal-għażla*

- L-Awtorità l-ewwel se tivvaluta l-eleġibbiltà u l-konformità mar-rekwiżiti formali tal-materjal ippreżentat, jekk meħtieġ f'kooperazzjoni mal-Istati Membri minn fejn jintbagħat il-materjal.
- L-Awtorità se toħloq ġurija li mbagħad tipproponi valutazzjoni skont kriterji tal-għażla tal-materjal ippreżentat kollu li rriżulta eleġibbli u konformi mar-rekwiżiti formali. Madankollu, skont in-numru ta' klassijiet parteċipanti f'kull Stat Membru, l-Awtorità tista' titlob qabel lill-Istati Membri jipproponu lista tal-aqwa 5 preżentazzjonijiet mit-territorju tagħhom, f'liema każ dawk biss se jitressqu għall-valutazzjoni tal-ġurija. L-Awtorità se tforni servizzi ta' segretarjat lill-ġurija.
- Kriterji tal-għażla:
  - il-materjal ippreżentat għandu jittratta s-suġġett imsemmi hawn fuq. Dan is-suġġett jinkludi l-qasam ta' ħidma tal-Awtorità, għad li mhuwiex limitat għal dan;
  - ir-riflessjonijiet tagħkom huma essenzjali – il-kontribut tal-votanti tal-futur jista' jgħin fit-tiswir tal-Unjoni Ewropea! Toqogħdux lura milli tkunu kreattivi, iżda żommu quddiem għajnejkom l-effetti prattiċi! Għaldaqstant, filwaqt li

---

<sup>2</sup> Ir-responsabbiltà għall-għażla tal-pjattaforma hija tal-applikanti.

- tistgħu tużaw, għar-riċerka tagħkom, kwalunkwe sors disponibbli pubblikament, il-materjal finali li jiġi ppreżentat irid ikun frott ix-xogħol kreattiv tagħkom, jiġifieri, mhumiex aċċettati testi kkupjati u mwaħħla (copy-paste) jew testi ġġenerati bl-intelliġenza artifiċjali;
- ikun utli jekk tagħmlu distinzjoni bejn proposti għat-terminu qasir u dawk għat-terminu twil;
  - kemm il-komponent kif ukoll il-filmat jgħoddu għall-valutazzjoni totali, b'punteġġ ta' 50 % kull wieħed.
- Filwaqt li tqis il-proposti tal-ġurija, l-Awtorità se taħtar rebbieħ wieħed fost il-parteċipanti li jkunu ppreżentaw il-materjal. L-Awtorità tista' tagħżel li tippubblika l-materjal rebbieħ.

### **Xi premju tirbaħ il-klassi rebbieħa?**

- Vjaġġ u żjara ggwidata f'wieħed mill-postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell jew Strażburgu, li jiġi stabbilit fid-dawl tal-kalendarji tas-seduti parlamentari).
- Laqgħat mal-personalitajiet Ewropej f'dik l-okkażjoni, qabel tmiem l-2023 f'perjodu li jintgħażel mill-Awtorità, inklużi l-ispejjeż għall-vjaġġ u lejl f'akkomodazzjoni li titħallas lura u allowance għall-ispejjeż ta' kuljum għall-klassi tal-iskola rebbieħa (mhux aktar minn 30 student u mhux aktar minn żewġ għalliema)<sup>3</sup>.

### **Kif se tkun protetta d-data personali?**

Id-data personali hija pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-iproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data (Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea L 295, 21.11.2018, pp. 39-98). L-applikanti huma mistiedna jikkonsultaw id-dikjarazzjoni ta' privatezza annessa ma' dan l-avviż ta' konkors, li tispjega l-mod kif l-Awtorità tippocessa d-data personali fir-rigward tal-proċedura.

---

<sup>3</sup> Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti u l-proċeduri ta' rimborż, ikkonsultaw ir-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni u l-ħlas ta' allowance ta' kuljum tal-esperti, li se jkunu applikati *mutatis mutandis* għall-istudenti tal-klassi rebbieħa u għall-għalliem(a) li jakkumpanja(w)hom: <https://www.appf.europa.eu/appf/mt/home/legal-background> .



## **ANNES TAL-AVVIŻ TA' KONKORS GĦALL-KLASSIJET TAL-ISKOLA: DIKJARAZZJONI TA' PRIVATEZZA**

L-iskop ta' din id-dikjarazzjoni ta' privatezza huwa li tispjega l-mod kif l-Awtorità tipproċessa u taħżen id-data personali fir-rigward tal-applikanti fil-kuntest tal-proċedura tal-konkors għall-iskejjel organizzat mill-Awtorità. Għandha l-għan ukoll li tinforma lill-applikanti bi drittijietom skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament”).

L-ipproċessar tad-data personali tal-applikanti huwa neċessarju biex jintgħażel l-aqwa prodott ippreżentat fil-proċedura tal-konkors organizzat mill-Awtorità. L-ipproċessar tad-data personali li tasal bħala parti minn proċedura ta' konkors huwa legali skont l-Artikolu 5(a) u (d) tar-Regolament, billi l-konkors huwa parti mit-twertiq ta' kompiti li jsiru fl-interess pubbliku u, fi kwalunkwe każ, il-parteċipazzjoni hija fuq bażi volontarja<sup>2</sup>.

L-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data fir-rigward tal-applikazzjonijiet ippreżentati bħala r-riżultat tal-avviż tal-konkors ippubblikat jittwettqu prinċipalment mill-persunal tal-Awtorità inkarigat mir-riżorsi umani. Dan il-persunal huwa responsabbli għall-pubblikazzjoni tal-avviżi ta' konkorsi, għar-riċezzjoni ta' applikazzjoni u għat-trażmissjoni tal-fajls lill-ġuriji/bordijiet tal-għażla u lil min jieħu d-deċiżjonijiet.

### **1. Liema data personali tinġabar, għal liema raġuni u b'liema mezzi tekniċi?**

Id-data personali tal-applikanti kollha se tinġabar u tiġi pproċessata biss sal-punt neċessarju għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-proċedura tal-konkors ippubblikat mill-Awtorità. Skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament, data bħal din ma tiġix ipproċessata għal xi skop ieħor jew tintuża bħala appoġġ għal miżuri jew deċiżjonijiet rigward xi individwu partikolari.

Kwantità sinifikanti ta' data personali teħtieġ li tiġi pproċessata bħala parti minn kwalunkwe

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R1725&qid=1688653398670>

<sup>2</sup> L-Awtorità mhijiex responsabbli jekk l-iskejjel jew l-għalliema jorjentaw lill-istudenti biex jieħdu sehem, billi dan mhux meħtieġ mill-Awtorità.

proċedura ta' konkors li għaliha l-applikant ikun wera interess. F'din id-data jkun hemm, ġeneralment:

- a) ir-ritratti jew il-vuċi tal-istudenti u tal-għalliem(a) responsabbli mis-superviżjoni, kif ukoll l-ismijiet ta' tali għalliem(a) u d-dettalji tal-kuntatt tagħhom;
- b) għall-klassi rebbieħa biss: l-ismijiet tal-istudenti kollha, kif ukoll ir-ritratti u l-materjal tal-ħoss li jittieħed wara ċ-ċerimonja tal-premjazzjoni;
- c) informazzjoni addizzjonali li tkun fi kwalunkwe reġistrazzjoni għall-applikazzjoni għall-konkors. Din id-data hija importanti bil-għan li tiġi stabbilita l-eleġibbiltà ta' applikant biex japplika għall-konkors ippubblikat mill-Awtorità.

Għall-applikanti mill-klassijiet tal-iskola tal-UE, l-ipproċessar ta' fajl ta' applikant għal konkors partikolari jista' wkoll jirrikjedi dokumentazzjoni oħra li se tintuża mill-persunal tal-Awtorità responsabbli mill-avvenimenti, esklużivament għall-iskopijiet tal-proċedura tal-konkors u se tinqered malli tkun konkluża l-proċedura tal-konkors u fl-eventwalità ta' ċerimonja tal-premjazzjoni.

Ċerta data personali rilevanti li tasal permezz tal-proċess tal-applikazzjonijiet tista' tinżamm għal skopijiet storiċi jew statistiċi wara li jitlestew l-proċeduri tal-konkors. Għall-finijiet ta' ġenerazzjoni ta' tali statistika, se jinħażen reġistru tal-applikazzjonijiet ippreżentati. L-aċċess għal kwalunkwe informazzjoni se jkun strettament limitat.

Intom mitluba tiegħu nota li r-responsabbiltà biex jingħata l-kunsens (għall-minorenni mingħand il-ġenituri jew it-tuturi legali tagħhom) tibqa' tal-għalliem(a) tal-applikanti (l-Awtorità toffri mudell għal dan l-għan, fuq talba). L-assenza ta' kunsens tal-istudenti individwali ma tipprekludix lill-istudenti l-oħra tal-klassi milli jieħdu sehem fil-konkors, dment li d-data personali tal-istudenti individwali kkonċernati ma tiġix trasferita lill-Awtorità.

## **2. Min għandu aċċess għall-informazzjoni tagħkom u lil min tiġi kkomunikata?**

Matul il-proċess tal-konkors, id-data personali li jagħtu l-applikanti hija aċċessibbli għall-persunal responsabbli mill-avvenimenti. Il-membri ta' dan il-persunal jirċievu u jirreġistraw lill-applikazzjonijiet kollha u jivverifikaw jekk l-applikant huwiex eleġibbli għall-konkors ikkonċernat.

Ġabra fil-qosor tal-applikazzjonijiet li jaslu fir-rigward ta' proċedura ta' konkors partikolari, flimkien mal-kopji tal-applikazzjonijiet, tiġi ċċirkolata wara d-data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet lill-ġuriji rilevanti u lil min jieħu d-deċiżjonijiet.

L-Awtorità tapplika politika skont liema d-data personali tal-applikanti trid tiġi pproċessata,

mażżuna u, maż-żmien, imħassra skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament. Id-data personali li jippreżentaw l-applikanti tista' tiġi pproċessata mir-riċevituri "esklużivament għall-finijiet li għalihom ġiet trażmessa".

### **3. Id-data personali tagħkom kif tiġi protetta u salvagwardata?**

Id-data miġbura u mażżuna fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-proċeduri ta' konkors hija aċċessibbli biss għall-persunal tal-Awtorità.

### **4. Għal kemm żmien tinżamm id-data personali?**

Il-fajls elettroniċi u tal-karti li jkun fihom data personali (applikazzjonijiet, eċċ.) miżmuma mill-Awtorità b'rabta mal-applikazzjonijiet ippreżentati se jinħażnu għal perjodu massimu ta' 7 snin wara li titlesta l-proċedura tal-konkors. Wara dan il-perjodu, il-fajl(s) jitħassar/jitħassru u/jew jinqered/jinqerdu. Għal finijiet statistiċi (ara l-punt 1 ta' hawn fuq), se jinżamm reġistru anonimizzat tal-applikazzjonijiet ippreżentati.

### **5. L-applikanti kif jistgħu jivverifikaw, jimmodifikaw jew iħassru d-data personali tagħhom?**

L-applikanti għandhom dritt li jkollhom aċċess, fi kwalunkwe mument, għall-informazzjoni dwarhom użata b'rabta ma' applikazzjoni, dment li titħares il-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet u tal-proċess deċiżjonali tal-ġuriji/bordijiet tal-għażla, flimkien mad-drittijiet tal-applikanti l-oħra. L-applikanti għandhom ukoll dritt li jesprimu l-pożizzjoni tagħhom, joġġezzjonaw jew iressqu lmenti.

F'każ li l-applikanti jkunu jixtiequ jimmodifikaw, jimblukkaw jew iħassru kwalunkwe data personali f'dan il-kuntest, jew jaċċedu għat-tali data, għandha tintbagħat talba għall-attenzjoni tad-Direttur tal-Awtorità. It-talbiet għandhom jintbagħtu lill-indirizz postali jew lill-email indikati fil-punt 6 (hawn taħt).

Fid-dawl tal-proċeduri ta' konkors li għaddejjin, l-applikanti li ppreżentaw applikazzjoni huma mħeġġa bil-qawwa jirrettifikaw jew jimmodifikaw kwalunkwe data personali rilevanti li taf ma tkunx aġġornata. L-applikanti għandhom ikunu konxji mill-fatt li talba biex jitħassru ċerti elementi tad-data personali li jkunu essenzjali għall-evalwazzjoni u għall-ipproċessar ta' applikazzjoni b'rabta ma' avviż tal-konkors taf tinfluwenza l-fatt li l-applikazzjoni tkunx tista' tiġi pproċessata b'mod korrett jew le.

Id-data ta' identifikazzjoni tista' tiġi rettifkata mis-suġġett tad-data fi kwalunkwe mument matul il-proċedura tal-konkors. Peress li l-applikanti għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eleġibbiltà għall-proċedura ta' konkors ikkonċernata mill-inqas fid-data li fiha tagħlaq il-pubblikazzjoni tagħha, l-applikanti jistgħu jirrettifikaw biss il-kategoriji tad-data relatati mal-eleġibbiltà tagħhom sal-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet.

## **6. Informazzjoni ta' kuntatt**

Il-mistoqsijiet jew it-talbiet li jikkonċernaw id-data personali pproċessata b'rabta mal-applikazzjonijiet għall-avviżi ta' konkorsi tal-Awtorità, kif ukoll id-drittijiet tal-applikanti f'dan il-kuntest, għandhom jintbagħtu lil dawn l-indirizzi li ġejjin:

email:

[application@appf.europa.eu](mailto:application@appf.europa.eu)

Indirizz postali:

Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej

Għall-attenzjoni tas-Sur Pascal SCHONARD (Direttur)

Rue Wiertz 60

1047

Brussell,

il-Belġju

## **7. Osservazzjonijiet u appelli**

Fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament, l-osservazzjonijiet jistgħu jiġu indirizzati lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Awtorità.

Kuntatt:

[Data-Protection@europarl.europa.eu](mailto:Data-Protection@europarl.europa.eu)

Skont ir-Regolament, l-ilmenti għandhom ikunu indirizzati lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (sit web: [https://edps.europa.eu/\\_en](https://edps.europa.eu/_en)).

Kuntatt: [edps@edps.europa.eu](mailto:edps@edps.europa.eu)

\* \* \*

\* \*

\*